REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 23/2008

tal-11 ta' Jannar 2008

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2320/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri għall-implimentazzjoni ta' l-istandards bażiċi komuni tas-sigurtà fl-avjazzjoni fil-Komunità kollha. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003 ta' l-4 ta' April 2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni [2] kien l-ewwel att li jistabbilixxi miżuri bħal dawn.

(2) Hemm ħtieġa għal miżuri li jippreċiżaw iktar l-istandards bażiċi komuni. Għandhom jiġu stipulati rekwiżiti ta' prestazzjoni fir-rigward tat-tagħmir *Threat Image Projection* (TIP). Madankollu, l-istandards għandhom ikunu rriveduti fuq bażi regolari u ta' l-inqas kull sentejn biex ikun żgurat li dawn ikomplu jirriflettu l-iżviluppi tekniċi, b'mod partikolari fir-rigward tad-daqs tal-librerija ta' immaġini virtwali disponibbli.

(3) It-TIP għandu jintuża biex itejjeb il-prestazzjoni ta' dawk li jispezzjonaw, meta jkunu qed jispezzjonaw kemm il-bagalji fil-kabina kif ukoll dawk fl-istiva, permezz ta' proġezzjoni ta' l-immaġini virtwali ta' l-oġġetti ta' theddid f'immaġini x-ray ta' bagalji. Għandu jkun hemm perċentwali minima u massima ta' l-immaġini virtwali ta' oġġetti ta' theddid li tiġi pproġettata fl-immaġini tal-bagalji. Permezz tar-reazzjoni ta' dawk li jispezzjonaw il-bagalji, it-TIP għandu jinfurmahom jekk irrispondewx b'mod korrett fl-identifikazzjoni tagħhom ta' l-immaġini virtwali ta' l-oġġett ta' theddid. Barra minn hekk, il-librerija ta' immaġini virtwali użati għat-TIP għandha titkabbar u tiġġedded b'mod regolari, sabiex jitqiesu oġġetti ġodda ta' theddid u biex tiġi evitata l-familjarità ma' l-immaġini virtwali.

(4) L-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni dwar it-tagħmir tas-sigurtà, inkluż it-TIP fl-ajruporti, m'għandhiex titqiegħed fid-dominju pubbliku għax jista' jsir abbuż minnha biex jiġu evitati l-kontrolli tas-sigurtà. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli biss għar-regolaturi u għall-manifatturi tat-tagħmir.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 622/2003 għandu jiġi emendat skond dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ċivili,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 622/2003 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għandu japplika fir-rigward tan-natura kunfidenzjali ta' dan l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Jannar 2008.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Viċi President

[1] ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 849/2004 (ĠU L 229, 29.6.2004, p. 3).
[2] ĠU L 89, 5.4.2003, p. 9. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1477/2007 (ĠU L 329, 14.12.2007, p. 22).

ANNESS

Skond l-Artikolu 1 l-Anness huwa sigriet u ma għandux jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.